



Il-Katalogu tat- Taħriġ tal-EASO Iċ-Ċentru tat-Taħriġ u tal- Iżvilupp Professionali

2021



Il-Katalogu tat-Taħriġ tal-EASO 2021



PDF ISBN 978-92-9465-081-8
Ipprintja I-ISBN 978-92-9465-080-1

doi:10.2847/032193
doi:10.2847/642618

BZ-02-21-253-MT-N
BZ-02-21-254-MT-N

© L-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Ażil, April 2021.

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jiġi rikonoxxut is-sors oriġinali.

Għal kwalunkwe użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li mhumiex taħt id-drittijiet tal-awtur tal-EASO, irid jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Daħla

Reċentement l-EASO ċelebra l-għaxar anniversarju tiegħu. Matul l-aħħar deċennju, aħna pprovdjema lill-Istati Membri provvista kostanti ta' moduli ta' taħriġ professjonali adegwati għall-użu li huma kruċjali fl-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil billi jappoġġaw il-bini tal-kapaċità fl-Istati Membri.

Skont il-viżjoni tiegħi għall-iżvilupp futur tal-Aġenzija u abbażi tas-suċċess tal-passat, iċ-Ċentru tat-Taħriġ u tal-Iżvilupp Professjonali tal-EASO ġie stabbilit b'riorganizzazzjoni matul Jannar 2020 u bħalissa qed jesperjenza perjodu ta' tkabbir. L-għadd ta' moduli ta' taħriġ qed jiżjed b'mod kostanti biex ikopri l-ħtiġijiet espressi mill-awtoritajiet tal-ażil u tal-akkoljenza u ċ-Ċentru qed jaġġorna wkoll l-infrastruttura biex jissodisfa din id-domanda. Għadd dejjem jikber ta' awtoritajiet nazzjonali tal-ażil u l-akkoljenza qed jagħżlu l-Kurrikulu tagħna biex iħejju lill-uffiċjali rekrutati reċentement kif ukoll lill-uffiċjali b'esperjenza fit-twettiq ta' studji speċjalizzati. Dan huwa marbut ħa'fna wkoll mal-funzjonalitajiet ta' żewġ partijiet ċentrali oħra tal-EASO, jiġifieri mal-ħidma ta' Ċentru ta' Għarfien dwar l-Ażil u ċ-Ċentru ta' Appoġġ Operazzjonali.

Biex jappoġġa dan l-iżvilupp, l-EASO qed jistabbilixxi Qafas imtejjeb għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità tat-Taħriġ, bil-għan li jallinja l-attivitajiet ta' taħriġ tagħna mal-istandards Ewropej għall-assigurazzjoni tal-kwalità fil-qasam tal-edukazzjoni u tat-taħriġ vokazzjonali. Ix-xewqa tiegħi hija li dan il-qafas iqiegħed lill-uffiċjali tal-ażil u tal-akkoljenza u lill-amministrazzjonijiet tagħhom fil-qalba ta' dak kollu li nagħmlu, billi jintroduċi valutazzjonijiet volontarji għaċ-ċertifikazzjoni tal-apprendiment, servizzi ta' appoġġ imtejjeb għall-istudenti u għall-ħarrieġa, kif ukoll attivitajiet ta' evalwazzjoni sodi biex jiġi żgurat it-titjib kontinwu tat-taħriġ tagħna. Matul l-implimentazzjoni ta' dawn il-bidliet, il-moduli tagħna se jkomplu jkunu bbażati fuq il-qafas ġenerali ta' referenza msejjaħ il-Qafas Ewropej ta' Kwalifiki Settorjali (ESQF) għall-uffiċjali tal-ażil u tal-akkoljenza, sabiex it-taħriġ mogħti jikkorrispondi mad-dmirijiet u mal-kompiti ta' kuljum tal-uffiċjali tal-ażil u tal-akkoljenza. It-taħriġ se jkompli jingħata wkoll permezz tas-sistema ta' ġestjoni tat-tagħlim (LMS) tal-EASO, li tippermetti lill-uffiċjali tal-ażil u tal-akkoljenza jsegwu l-parti online tat-taħriġ bil-pass tagħhom stess, filwaqt li tirrikonċilja l-ħtiġijiet tal-iżvilupp professjonali tagħhom mal-iskedi ta' ħidma u r-responsabbiltajiet professjonali tagħhom.

Dan il-katalogu ta' Taħriġ jagħti ħarsa ġenerali lejn il-moduli offruti lill-uffiċjali tal-ażil u tal-akkoljenza inklużi l-uffiċjali tal-politika, ir-riċerkaturi tas-COI u tal-MedCOI, l-uffiċjali ta' Dublin, l-uffiċjali tar-reġistrazzjoni, l-uffiċjali tar-risistemazzjoni, l-interpreti, l-uffiċjali tal-akkoljenza, il-manijers, id-diretturi, u l-mexxejja tat-timijiet li jaħdmu fil-kuntest tal-ażil. Kull introduzzjoni ta' modulu tinkludi informazzjoni essenzjali bħall-grupp fil-mira, l-eżiti tal-apprendiment, ħarsa ġenerali lejn il-modulu, il-metodu ta' twassil u d-durata tal-attività tat-taħriġ. Se ssib ukoll informazzjoni dwar il-verżjoni l-aktar riċenti, dak li jmiss għal kull modulu u l-lingwi li kull modulu huwa disponibbli bihom.

Filwaqt li nagħtik merħba fil-katalogu tat-Taħriġ tagħna, nixtieq nawguralek kull suċċess fl-istudji tiegħek!

Nina Gregori
Direttur Eżekuttiv tal-EASO



Werrej

Introduzzjoni għall-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO	6
X'inhu l-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO?	6
Min jista' juża l-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO?	7
Niżguraw li t-taħriġ ikun adegwat għall-użu – il-Qafas Ewropej tal-Kwalifiki Settorjali	7
Ċertifikazzjoni	7
Tranżizzjoni lejn Kurrikulu tat-Taħriġ aktar immirat tal-EASO	7
Kif titlob traduzzjoni ta' modulu tal-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO.....	8
Il-moduli tal-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO.....	9
L-applikazzjoni ta' klawżoli ta' esklużjoni għal persuni li ma jistħoqqilhomx il-protezzjoni internazzjonali	12
Id-Direttiva dwar il-proċeduri tal-ażil	13
Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil.....	15
L-għoti ta' informazzjoni lill-applikanti għall-ażil u l-komunikazzjoni magħhom	16
Informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini	17
Regolament ta' Dublin III	19
Tmim tal-protezzjoni.....	21
Valutazzjoni tal-Evidenza	22
Drittijiet fundamentali u protezzjoni internazzjonali fl-UE	23
Ġeneru, identità tal-ġeneru u orjentazzjoni sesswali	24
Identifikazzjoni ta' każijiet potenzjali ta' Dublin.....	26
Identifikazzjoni ta' każijiet potenzjali ta' esklużjoni	28
Inklużjoni	29
Inklużjoni – avvanzata.....	31
Interpretazzjoni fil-kuntest tal-ażil	33
Intervistar tat-tfal	34
Intervistar ta' persuni vulnerabbli.....	35
Tekniki tal-Intervistar	37
Introduzzjoni għad-didattika	38
Introduzzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.....	39
Ġestjoni fil-kuntest tal-ażil.....	40
Ġestjoni fil-kuntest tal-akkoljenza.....	42
Informazzjoni Medika dwar il-pajjiż ta' oriġini	44
Akkoljenza	44
Akkoljenza ta' persuni vulnerabbli: identifikazzjoni tal-vulnerabbiltà u l-għoti ta' appoġġ inizjali (blokka A)	44
Akkoljenza ta' persuni vulnerabbli: valutazzjoni tal-ħtiġijiet u tfassil tal-interventi (blokka B)	44
Reġistrazzjoni ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali.....	44
Risistemazzjoni.....	44
Traffikar tal-bnedmin	44
Anness I – Verżjonijiet lingwistiċi tal-moduli tal-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO	44
Anness II – Verżjonijiet lingwistiċi tal-manwali tal-ħarrieġa tal-EASO għat-twassil virtwali.....	44

Introduzzjoni għall-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO

Il-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO jappoġġa l-amministrazzjonijiet nazzjonali tal-Istati Membri u s-servizzi nazzjonali responsabbli minn kwistjonijiet ta' ażil permezz tal-istabbiliment u l-għoti ta' taħriġ. Dan huwa wieħed mill-obbligi tal-EASO kif stabbilit fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 439/2010 (ir-regolament tal-EASO). Sa mill-istabbiliment tal-Uffiċċju, il-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO ilu jipprovdni lill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea materjali ta' apprendiment ta' kwalità għolja u adegwati għall-użu għall-prattikanti tal-ażil u tal-akkoljenza. Nistgħu ngħidu b'sodisfazzjon li, mill-2012, l-EASO rreġistra aktar minn 49 000 parteċipant f'sessjonijiet ta' taħriġ minn Prattikanti tal-ażil u tal-akkoljenza fl-UE kollha u lil hinn. Dan in-numru jirrifletti l-implimentazzjoni b'suċċess tal-istrateġija tat-taħriġ u tal-apprendiment tal-EASO.

Il-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO jwieġeb għall-ħtiġijiet tal-amministrazzjonijiet nazzjonali tal-Istati Membri responsabbli minn kwistjonijiet ta' ażil u, billi jagħmel dan, jgħin lill-Istati Membri jiksbu fehim komuni u applikazzjoni armonizzata tal-istandards tal-UE dwar il-protezzjoni internazzjonali. Permezz tat-taħriġ, tal-apprendiment u tal-iżvilupp, se nkomplu nappoġġaw l-implimentazzjoni Prattika tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil (SEKA) u t-titjib tal-istandards ta' kwalità.

X'inhu l-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO?

Il-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO huwa sistema ta' taħriġ komuni mfassla għall-uffiċjali tal-każ u tal-akkoljenza, kif ukoll għal Prattikanti oħra tal-ażil, fl-Istati Membri tal-UE kollha, fin-Norveġja u fl-Iżvizzera (l-Istati tal-UE+). Il-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO jintuża wkoll bħala bażi għat-taħriġ operazzjonali, kif ukoll biex tiżied il-kapaċità f'pajjiżi terzi. Żviluppat fi ħdan il-qafas tal-Konvenzjoni dwar ir-Refuġjati tal-1951 u l-protokoll tagħha tal-1967, l-istrumenti legali tas-SEKA, u atti leġislativi internazzjonali u tal-UE oħrajn, dan jikkonsisti f'għadd ta' moduli interattivi li jkopru l-qasam kollu tal-protezzjoni internazzjonali.

Dawn il-moduli interattivi huma bl-Ingliż u ġew tradotti f'ħafna lingwi tal-UE u mhux tal-UE. It-traduzzjoni tal-moduli tal-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO fil-lingwi nazzjonali tiżgura aktar tixrid u tippermetti lill-awtoritajiet nazzjonali tal-ażil jipprovdni taħriġ fil-lingwi nattivi tagħhom, u b'hekk tiffaċilita l-użu tagħhom mill-udjenzi fil-mira. L-appoġġ tal-EASO f'dan il-qasam huwa konformi mal-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament tal-EASO, peress li t-traduzzjoni ttejjeb l-implimentazzjoni tas-SEKA (l-Artikolu 1) u tippermetti kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet tal-ażil tal-Istati Membri (l-Artikolu 2(5)).

Il-moduli huma bbażati fuq metodoloġija ta' apprendiment imħallat, inkluż format ta' apprendiment elettroniku u sessjonijiet wiċċ imb wiċċ. Ġiet adottata metodoloġija ta' taħriġ għall-ħarrieġa biex tappoġġa l-iżvilupp tal-għarfien, tal-ħiliet u tal-kompetenzi fil-ħarrieġa sabiex ikunu jistgħu jħarrġu lill-persunal fl-amministrazzjonijiet nazzjonali, u b'hekk jinħoloq effett multiplikatur. Il-moduli tal-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO ġew żviluppati minn esperti interni, esperti tal-kontenut tal-Istati Membri u esperti esterni, u rieżaminati minn gruppi ta' referenza (il-membri jvarjaw skont is-suġġett tal-modulu), l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati (UNHCR) u l-Kummissjoni Ewropea.

Min jista' juża l-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO?

Imfassal għall-awtoritajiet tal-ażil u tal-akkoljenza fl-Istati tal-UE+ bħala għodda ta' appoġġ permanenti, il-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO jista' jintuża wkoll fil-kuntest ta' emerġenza jew appoġġ speċjali b'reazzjoni għal sitwazzjonijiet jew operazzjonijiet speċifiċi. Dan jintuża wkoll bħala strument għall-bini tal-kapaċitajiet fil-kuntest tad-dimensjoni esterna. Kwalunkwe parti kkonċernata li taħdem fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali u tal-migrazzjoni tista' ssegwi l-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO.

Niżguraw li t-taħriġ ikun adegwat għall-użu – il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki Settorjali

Il-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO juża l-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki Settorjali għall-Uffiċjali tal-Ażil u tal-Akkoljenza (ESQF) biex jidentifika l-eżiti tal-apprendiment tal-moduli tiegħu. Għalhekk, l-għan tal-qafas ESQF huwa li jidentifika perkorsi ta' taħriġ u apprendiment rilevanti għall-uffiċjali tal-ażil u tal-akkoljenza tal-Istati Membri abbażi tad-dmirijiet u tal-kompiti tax-xogħol tagħhom. Flimkien mal-Istati Membri, l-EASO wettaq immappjar eżawrjenti tad-dmirijiet u tal-kompiti tal-uffiċjali tal-ażil u tal-akkoljenza sabiex jiżviluppa standards tax-xogħol li jistabbilixxu l-għarfien, il-ħiliet, ir-responsabbiltà u l-awtonomija li l-uffiċjali tal-ażil u tal-akkoljenza jeħtieġu biex iwettqu l-kompiti tagħhom. Imbagħad ġiet żviluppata matriċi tal-istandards edukattivi biex tispeċifika x'għandhom ikunu jafu jew ikunu jistgħu jagħmlu l-uffiċjali tal-ażil u tal-akkoljenza meta jkunu kisbu b'suċċess l-eżiti tal-apprendiment deskritt mill-istandard edukattiv. Dawn l-eżiti tal-apprendiment dejjem iridu jkunu rilevanti għat-tweqqif tal-kompiti identifikati fl-istandards tax-xogħol korrispondenti.

Ċertifikazzjoni

L-EASO qed jaħdem biex jiċċertifika l-moduli tal-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO. Dan se jiżgura li l-uffiċjali tal-ażil u tal-akkoljenza jkunu mħarrġa f'konformità mal-qafas leġislativ tal-UE u jkollhom l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa biex iwettqu dmirijiethom.

Tranżizzjoni lejn Kurrikulu tat-Taħriġ aktar immirat tal-EASO

Sabiex jiġi żgurat li t-taħriġ tal-EASO jkun allinjat mal-istandards Ewropej fil-qasam tal-edukazzjoni għolja u t-taħriġ vokazzjonali, l-EASO bħalissa qed jibni qafas ta' kwalità sod biex jiżgura l-konsistenza u jipprovdni appoġġ sħiħ lill-istudenti matul l-esperjenza ta' apprendiment tagħhom. Din it-tranżizzjoni tinvolvi

r-ristrutturar tal-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO biex jinħolqu moduli iżgħar li jistgħu jinġabru biex jissodisfaw ħtiġijiet ta' taħriġ speċifiċi u jippermettu perkorsi ta' apprendiment individwalizzati.

Kif titlob traduzzjoni ta' modulu tal-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO

Darbtejn fis-sena, f'April u f'Ottubru, iċ-Ċentru tat-Taħriġ u tal-Iżvilupp Professionali joħroġ sejħa miftuħa għall-Istati Membri li jixtiequ li jkollhom modulu tal-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO tradott fil-lingwa nattiva tagħhom.

It-talbiet għal traduzzjoni jiġu evalwati minn kumitat intern u kklassifikati skont diversi kriterji, bħall-verżjoni tal-modulu mitlub, l-għadd ta' parteċipanti għal kull modulu vis-à-vis id-daqs tal-awtorità tal-ażil tal-Istat Membru, id-*data* storika dwar l-implimentazzjoni u l-użu tal-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO, u l-baġit. Meta modulu tal-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO jiġi tradott, jiġu tradotti l-komponenti kollha u l-vidjos jew l-animazzjonijiet (jekk ikun hemm) jżdidulhom is-sottotitoli.

L-EASO jieħu bejn 6 u 8 xhur biex jittraduċi l-komponenti kollha ta' modulu, skont it-tul tal-modulu u jekk il-verżjonijiet preċedenti jkunux ġew tradotti fil-lingwa mitluba. Wara t-traduzzjoni, jieħu bejn 8 sa 10 ġimgħat oħra biex jibni l-modulu online. Talbiet urġenti jiġu indirizzati fuq bażi ta' każ każ.

Il-moduli tal-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO



Moduli ewlenin għall-ħaddiema fil-każijiet ta' ażil

- Valutazzjoni tal-evidenza
- Inklużjoni
- Tekniki tal-intervista

Moduli dwar persuni bi bżonnijiet speċjali

- Kif tintervista lill-persuni vulnerabbli
- Kif tintervista lit-tfal
- Il-ġeneru, l-identità tal-ġeneru u l-orjentazzjoni sesswali
- Akkoljenza għal persuni vulnerabbli: Blokk A
- Akkoljenza għal persuni vulnerabbli: Blokk B


- It-traffikar ta' bnedmin

Moduli għal udjenzi speċifiċi

- L-interpretazzjoni fil-kuntest tal-ażil
- Il-ġestjoni fil-kuntest tal-ażil
- Il-ġestjoni fil-kuntest tal-akkoljenza
- Ir-reġistrazzjoni ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali

Modulu dwar id-didattika

- Introduzzjoni għad-didattika



Moduli introduttorji

- Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil
- Identifikazzjoni ta' każijiet potenzjali ta' Dublin
- Identifikazzjoni ta' każijiet potenzjali ta' esklużjoni
- Introduzzjoni għall-komunikazzjoni għall-prattikanti tal-ażil u tal-akkoljenza
- Introduzzjoni għall-protezzjoni internazzjonali



Moduli speċjalizzati

- L-applikazzjoni ta' klawżoli ta' esklużjoni għal persuni li ma jistħoqqilhomx il-protezzjoni internazzjonali
- Id-Direttiva dwar il-proċeduri tal-ażil
- L-għoti ta' informazzjoni lill-applikanti għall-ażil u l-komunikazzjoni magħhom
- Informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini
- Ir-Regolament Dublin III
- Tmiem tal-protezzjoni
- Id-drittijiet fundamentali u protezzjoni internazzjonali fl-UE
- Inklużjoni – avanzata
- Informazzjoni medika dwar il-pajjiż ta' oriġini
- Akkoljenza
- Risistemazzjoni



L-applikazzjoni ta' klawżoli ta' esklużjoni għal persuni li ma jistħoqqilhomx il-protezzjoni internazzjonali



Grupp ewlieni fil-mira	Uffiċjali tal-każ tal-ażil
Eżiti tal-apprendiment	<ul style="list-style-type: none"> • Identifika l-oqfsa legali rilevanti applikabbli għall-esklużjoni mill-protezzjoni internazzjonali. • Iddetermina l-elementi li jikkostitwixxu l-klawżoli ta' esklużjoni fil-kuntest tar-refuġjati u l-protezzjoni sussidjarja. • Stabbilixxi l-fatti materjali u l-evidenza fil-kuntest tad-dispożizzjonijiet legali applikabbli għal każijiet potenzjali ta' esklużjoni.
Ħarsa ġenerali lejn il-modulu	Dan il-modulu jiffoka fuq l-applikazzjoni tal-Artikolu 1F tal-Konvenzjoni tal-1951 dwar l-Istatus tar-Refuġjati u l-Artikoli 12(2) u 17 tad-Direttiva dwar Standards għall-Kwalifika, u jirrifletti l-iżviluppi l-aktar riċenti fil-qasam biex l-uffiċjali tal-każijiet tal-ażil jiġu mgħammra aħjar bl-għarfien u bil-ħiliet meħtieġa biex jivvalutaw l-applikazzjoni possibbli ta' dawn il-klawżoli ta' esklużjoni fi ħdan il-proċeduri għad-determinazzjoni tal-eliġibbiltà għall-protezzjoni internazzjonali.
Lingwi disponibbli	Dan il-modulu huwa disponibbli online bl-Ingliż biss. Dan se jkun disponibbli online fix-xhur li ġejjin bil-Ġermaniż, bil-Pollakk u bis-Sloven. Il-manwal tal-ħarrieġa għat-twassil virtwali huwa disponibbli bl-Ingliż, bil-Ġermaniż u bis-Sloven.
Modalità ta' twassil u durata	Dan il-modulu jingħata permezz ta' kombinazzjoni ta' madwar 20–25 siegħa ta' studji online u sessjoni wiċċ imb wiċċ ta' jum u nofs. F'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni, is-sessjoni wiċċ imb wiċċ tista' issir b'mod virtwali.
Verżjoni	Il-verżjoni l-aktar riċenti hija mill-2020.
Xi jmiss għal dan il-modulu?	Dan il-modulu se jiġi aġġornat bħala parti mir-ristrutturar tal-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO.

Id-Direttiva dwar il-proċeduri tal-ażil



Grupp ewlieni fil-mira	Uffiċjali tal-każijiet tal-ażil u uffiċjali tal-politika
Eżiti tal-apprendiment	<ul style="list-style-type: none"> Spjega l-kuntest li fih ġiet adottata d-Direttiva dwar il-proċeduri tal-ażil (APD), il-kamp ta' applikazzjoni, il-proċeduri u l-oġġettivi tagħha Identifika u uri d-differenza bejn id-diversi awtoritajiet involuti u r-rwoli tagħhom. Applika d-dispożizzjonijiet tal-APD għall-applikanti kollha, inklużi dawk bi bżonnijiet differenti.
Ħarsa ġenerali lejn il-modulu	B'enfasi fuq l-APD, dan il-modulu jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-proċess kollu tal-ażil mill-aċċess għall-protezzjoni internazzjonali għall-proċedura ta' appell kontra deċiżjoni negattiva. Dan jispjega b'dettall kwistjonijiet bħall-aċċess għall-proċeduri, il-garanziji u l-obbligi proċedurali, l-ammissibbiltà, id-dritt għall-assistenza u r-rappreżentanza legali, l-intervista personali, it-teħid tad-deċiżjonijiet, ir-rimedji effettivi u l-proċeduri speċjali. L-għan ta' dan il-modulu huwa li jiffoka fuq l-aspetti differenti rregolati mill-APD. Idealment, il-parteċipanti jkunu diġà lestew il-modulu "introduzzjoni għall-protezzjoni internazzjonali" qabel ma jibdew dan il-modulu.
Lingwi disponibbli	Dan il-modulu huwa disponibbli online bl-Ingliż biss. Il-manwal tal-ħarrieġa għat-twassil virtwali huwa disponibbli wkoll bl-Ingliż biss.
Modalità ta' twassil u durata	Dan il-modulu jingħata permezz ta' kombinazzjoni ta' madwar 25–30 siegħa ta' studji online u sessjoni wiċċ imb wiċċ ta' jum. F'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni, is-sessjoni wiċċ imb wiċċ tista' tingħata b'mod virtwali.
Verżjoni	Il-verżjoni l-aktar riċenti hija mill-2016.
Xi jmiss għal dan il-modulu?	Dan il-modulu qed jiġi ristrutturatur. Parti minnu hija inkluża fil-modulu l-ġdid "Introduzzjoni għall-qafas legali dwar il-protezzjoni internazzjonali fl-UE".

Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil



Grupp ewlieni fil-mira	Prattikanti tal-ażil u tal-akkoljenza
Eżiti tal-apprendiment	<ul style="list-style-type: none"> Spjega l-oġġettivi u l-valuri wara l-iżvilupp tas-SEKA. Irreferi għall-istrumenti legali, il-każistika, l-għodod u r-riżorsi rilevanti li permezz tagħhom tiġi implimentata s-SEKA. Spjega l-ħtieġa li tiġi rriformata s-SEKA.
Ħarsa ġenerali lejn il-modulu	Dan il-modulu jiprovdi ħarsa ġenerali lejn kif ġiet żviluppata s-SEKA u kif evolviet matul is-snin, u jindirizza perspettivi differenti dwar l-iżvilupp futur tagħha. Dan jesplora l-oġġettivi li wasslu għall-eżistenza tas-SEKA u kif dawk l-oġġettivi ggwidaw l-implimentazzjoni tagħha. Il-modulu jeżamina l-istrumenti legali rilevanti, il-każistika, l-għodod u r-riżorsi li huma utli f'ħidma ta' rutina dwar l-ażil. Dan il-modulu għandu l-għan li jqajjem sensibilizzazzjoni u jippermetti l-iżvilupp ta' fehim komuni tas-SEKA bejn il-prattikanti tal-ażil u l-atturi ewlenin fl-implimentazzjoni tagħha.
Lingwi disponibbli	Dan il-modulu huwa disponibbli online bl-Ingliż biss. Il-manwal tal-ħarrieġa għat-twassil virtwali huwa disponibbli wkoll bl-Ingliż biss.
Modalità ta' twassil u durata	Dan il-modulu jingħata permezz ta' kombinazzjoni ta' madwar 25–30 siegħa ta' studji online u sessjoni wiċċ imb wiċċ ta' jumejn. F'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni, is-sessjoni wiċċ imb wiċċ tista' tingħata b'mod virtwali.
Verżjoni	il-verżjoni l-aktar riċenti hija mill-2019.
Xi jmiss għal dan il-modulu?	Dan il-modulu qed jiġi ristrutturatur. Parti minnu hija inkluża fil-modulu l-ġdid "Introduzzjoni għall-qafas legali dwar il-protezzjoni internazzjonali fl-UE".

L-għoti ta' informazzjoni lill-applikanti għall-ażil u l-komunikazzjoni magħhom



Grupp ewlieni fil-mira	Uffiċjali tal-ażil u tal-akkoljenza
Eżiti tal-apprendiment	<ul style="list-style-type: none"> Irrinkonoxxi l-elementi tad-dmir tal-Istati Membri li jinfurmaw u d-dritt tal-applikanti li jiġu infurmati rilevanti għall-kuntest tal-operazzjonijiet tal-EASO. Identifika l-ħtiġijiet ta' informazzjoni, filwaqt li tqis id-diversità kulturali u l-mudelli ta' kondivizzjoni ta' informazzjoni. Adatta u xerred messaġġi aċċessibbli permezz ta' mezzi xierqa.
Ħarsa ġenerali lejn il-modulu	Dan il-modulu jiddeskrivi l-ħiliet meħtieġa fit-tfassil, fl-ippjanar u fl-implimentazzjoni ta' strateġiji ta' komunikazzjoni transkulturali. Jindirizza wkoll il-ħtiġijiet ta' informazzjoni ta' gruppi fil-mira differenti f'kuntesti operazzjonali differenti, biex b'hekk tippermetti lill-parteċipanti jfasslu u jxerrdu messaġġi effettivi u kulturalment sensitivi, spiss f'ambjenti operazzjonali diffiċli. L-għan ta' dan it-taħriġ huwa li jippermetti lill-prattikanti jivvalutaw il-ħtiġijiet ta' informazzjoni ta' persuni fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali, applikanti għall-ażil u beneficijarji potenzjali ta' protezzjoni internazzjonali.
Lingwi disponibbli	Dan il-modulu huwa disponibbli online bl-Ingliż u bit-Taljan. Il-manwal tal-ħarrieġa għat-twassil virtwali huwa disponibbli bl-Ingliż u bit-Taljan.
Modalità ta' twassil u durata	Dan it-taħriġ jingħata permezz ta' sessjoni wiċċ imb wiċċ ta' jum u nofs. F'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni, is-sessjoni wiċċ imb wiċċ tista' tingħata b'mod virtwali.
Verżjoni	Il-verżjoni l-aktar riċenti hija mill-2019.

Informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini



Grupp ewlieni fil-mira	Informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini (COI) riċerkaturi u uffiċjali tal-każijiet tal-ażil
Eżiti tal-apprendiment	<ul style="list-style-type: none"> Sib informazzjoni rilevanti, preċiża u bbilanċjata dwar il-pajjiżi ta' oriġini minn sorsi affidabbli. Ippreżenta l-informazzjoni b'mod trasparenti u traċċabbli. Wettaq rieżami bejn il-pari ta' prodott tas-COI.
Ħarsa ġenerali lejn il-modulu	Dan il-modulu jiddeskrivi r-rwol tas-COI fil-proċeduri ta' protezzjoni internazzjonali. Dan jipprovdi ħarsa ġenerali lejn kif għandhom jiġu żviluppati l-mistoqsijiet tas-COI minn każ, u kif għandhom jintgħażlu, jiġu vvalutati u vvalidati s-sorsi u l-informazzjoni, kif ukoll il-ħiliet prattiċi tar-riċerka għas-suġġetti tas-COI. Dan il-modulu jindirizza wkoll kif l-aħjar tippreżenta r-riċerka tas-COI, abbozzi ta' mistoqsijiet tas-COI u prodotti tas-COI ta' rieżami bejn il-pari. L-għan ta' dan il-modulu huwa li jagħti s-setgħa lir-riċerkaturi tas-COI u lill-uffiċjali tal-każ tal-ażil biex jilħqu standards ta' kwalità tas-COI, li huwa kruċjali biex tiġi żgurata informazzjoni ta' kwalità għolja dwar il-pajjiżi ta' oriġini.
Lingwi disponibbli	Dan il-modulu huwa disponibbli online bl-Ingliż u bil-Ġermaniż. Il-manwal tal-ħarrieġa għat-twassil virtwali huwa disponibbli bl-Ingliż biss.
Modalità ta' twassil u durata	Dan il-modulu jingħata permezz ta' kombinazzjoni ta' madwar 20 siegħa ta' studji online u sessjoni wiċċ imb wiċċ ta' jumejn. F'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni, is-sessjoni wiċċ imb wiċċ tista' tingħata b'mod virtwali.
Verżjoni	Il-verżjoni l-aktar riċenti hija mill-2019.
Xi jmiss għal dan il-modulu	Bħala parti mir-ristrutturar tal-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO, dan il-modulu se jiġi fformul mill-ġdid f'għadd ta' moduli relatati mal-prinċipji u mal-istandards ta' kwalità tas-COI, mal-abbozzar ta' prodotti tas-COI, mas-sorsi ta' intervistar, mas-COI għal każijiet kumplessi, u mal-organizzazzjoni u mat-twettiq ta' missjonijiet.

Regolament ta' Dublin III



Grupp ewlieni fil-mira	Uffiċjali li jaħdmu fl-Unità ta' Dublin
Eżiti tal-apprendiment	<ul style="list-style-type: none"> Iddetermina l-Istat Membru responsabbli billi tapplika l-kriterji ta' responsabbiltà u r-regoli proċedurali u billi tuża l-għodod stabbiliti fir-regolament ta' Dublin u fir-regolament ta' implimentazzjoni tiegħu. Irrikonoxxi sitwazzjonijiet fejn id-deroga mill-applikazzjoni mekkanika tar-regolament ta' Dublin jeħtieġ li tiġi kkunsidrata u ddeskrivi soluzzjoni motivata għas-sitwazzjoni.
Ħarsa ġenerali lejn il-modulu	Dan il-modulu jiffoka fuq il-funzjoni bażika u l-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema ta' Dublin u r-regoli u l-proċeduri tagħha. Dan jgħin lill-istudenti biex isiru familjari mas-sistema Eurodac (Eurodac hija l-bażi ta' data tal-marki tas-swaba' tal-ażil tal-UE) u n-network elettroniku DublinNet. L-għan ta' dan il-modulu huwa li jipprovdi lill-parteċipanti l-ħiliet u l-għarfien meħtieġa biex japplikaw ir-regolament Dublin III f'konformità mal- <i>acqui</i> tal-UE dwar l-ażil u b'rispett sħiħ tal-istrumenti legali internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem. Idealment, il-parteċipanti jkunu lestew il-moduli "Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil" u "Drittijiet Fundamentali u protezzjoni internazzjonali fl-UE" qabel ma jibdeu dan il-modulu.
Lingwi disponibbli	Dan il-modulu huwa disponibbli online biċ-Ċek, bl-Ingliż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bir-Rumen u bis-Sloven. Il-manwal tal-ħarrieġa għat-twassil virtwali huwa disponibbli bl-Ingliż.
Modalità ta' twassil u durata	Dan il-modulu jingħata permezz ta' kombinazzjoni ta' madwar 20–25 siegħa ta' studji online u sessjoni wiċċ imb wiċċ ta' jumejn. F'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni, is-sessjoni wiċċ imb wiċċ tista' tingħata b'mod virtwali.
Verżjoni	Il-verżjoni l-aktar riċenti hija mill-2016.
Xi jmiss għal dan il-modulu?	L-aġġornament li jmiss huwa pplanat wara l-adozzjoni tar-regolament Dublin IV.

Tmiem tal-protezzjoni



Grupp ewlieni fil-mira	Uffiċjali tal-każ tal-ażil
Eżiti tal-apprendiment	<ul style="list-style-type: none"> Identifika r-raġunijiet għall-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali permezz ta' valutazzjonijiet individwali. Applika d-dispożizzjonijiet u l-proċeduri legali rilevanti relatati mat-tmiem tal-protezzjoni.
Ħarsa ġenerali lejn il-modulu	Dan il-modulu joffri lill-uffiċjali tal-każijiet l-opportunità li jispesjalizzaw fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet legali u s-salvagwardji proċedurali rilevanti relatati mat-tmiem tal-protezzjoni. Il-parteċipanti se jitgħallmu wkoll kif jinterpretaw il-kundizzjonijiet li jwasslu għat-tmiem ta' protezzjoni kif stabbilit fid-Direttiva dwar Standards għall-Kwalifika. Mat-tlestija ta' dan il-modulu, il-parteċipanti se jkollhom l-għarfien teoretiku u prattiku meħtieġ biex iħejju u jiktbu deċiżjoni dwar dan is-suġġett.
Lingwi disponibbli	Dan il-modulu huwa disponibbli online bl-Ingliż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż u bir-Rumen. Dan se jkun disponibbli online fix-xhur li ġejjin bil-Pollakk u bis-Slovakk. Il-manwal tal-ħarrieġa għat-twassil virtwali huwa disponibbli bl-Ingliż biss.
Modalità ta' twassil u durata	Dan il-modulu jingħata permezz ta' kombinazzjoni ta' madwar 20–30 siegħa ta' studji online u sessjoni wiċċ imb wiċċ ta' jum u nofs. F'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni, is-sessjoni wiċċ imb wiċċ tista' tingħata b'mod virtwali.
Verżjoni	Il-verżjoni l-aktar riċenti hija mill-2018.
Xi jmiss għal dan il-modulu?	Dan il-modulu se jiġi aġġornat b'ħala parti mir-ristrutturar tal-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO.

Valutazzjoni tal-Evidenza



Grupp ewlieni fil-mira	Uffiċjali tal-każ tal-ażil
Eżiti tal-apprendiment	<ul style="list-style-type: none"> • Identifika l-fatti materjali ta' talba marbuta mal-kriterji ta' eliġibbiltà għall-protezzjoni internazzjonali. • Iddetermina l-kredibbiltà tal-fatti materjali ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali b'mod strutturat. • Taffi l-impatt tad-distorsjonijiet meta tivvaluta l-kredibbiltà tal-fatti materjali. • Iddetermina r-riskju orjentat lejn il-futur abbażi tal-fatti materjali aċċettati ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.
Ħarsa ġenerali lejn il-modulu	Dan il-modulu jespjora kif il-fatti materjali ta' każ jiġu stabbiliti permezz tal-ġbir, l-eżaminazzjoni u t-tqabbil ta' biċċiet ta' evidenza disponibbli. Dan jiddeskrivi l-aspetti teoretiċi u l-leġiżlazzjoni rilevanti minn perspettiva prattika. L-għan ta' dan il-modulu huwa li jiddeskrivi l-għarfien, il-ħiliet u l-attributi meħtieġa biex jiġi applikat approċċ ta' valutazzjoni tal-evidenza strutturata sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' soġġettività f'każijiet individwali. Flimkien maż-żewġ moduli ewlenin l-oħra f'dan il-qasam ("Tekniki ta' intervista" u "Inklużjoni"), dan il-modulu jstabbilixxi l-pedamenti għall-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa fit-twettiq tal-kompiti ta' uffiċjal tal-każ.
Lingwi disponibbli	Dan il-modulu huwa disponibbli online bil-Ingliż biss. Dan se jkun disponibbli online fix-xhur li ġejjin f'lingwi oħra tal-UE. Il-manwal tal-ħarrieġa għat-twassil virtwali huwa disponibbli bil-Ingliż biss.
Modalità ta' twassil u durata	Dan il-modulu jingħata permezz ta' kombinazzjoni ta' madwar 20–30 siegħa ta' studji online u sessjoni wiċċ imb wiċċ ta' jumejn. F'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni, is-sessjoni wiċċ imb wiċċ tista' tingħata b'mod virtwali.
Verżjoni	Il-verżjoni l-aktar riċenti hija mill-2020.
Xi jmiss għal dan il-modulu?	Il-modulu se jiġi aġġornat bħala parti mir-ristrutturar tal-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO.

Drittijiet fundamentali u protezzjoni internazzjonali fl-UE



Grupp ewlieni fil-mira	Prattikanti tal-ażil u tal-akkoljenza
Eżiti tal-apprendiment	<ul style="list-style-type: none"> • Iddeskrivi l-istrumenti internazzjonali u Ewropej ewlenin dwar id-drittijiet u l-prinċipji fundamentali fil-kuntest tal-protezzjoni internazzjonali fl-UE, b'enfasi speċjali fuq il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE (Karta tal-UE). • Spjega r-rilevanza prattika tal-Karta tal-UE u l-interrelazzjonijiet tagħha ma' strumenti oħra tad-drittijiet tal-bniedem. • Applika l-prinċipji u l-istrumenti tad-drittijiet fundamentali u tal-protezzjoni internazzjonali rigward l-aċċess għat-territorju, il-proċedura tal-ażil, il-kontenut tal-protezzjoni internazzjonali u r-ritorn. • Applika l-Karta tal-UE għal persuni li jista' jkollhom bżonn protezzjoni internazzjonali, kif ukoll għal persuni fi proċeduri ta' ritorn.
Ħarsa ġenerali lejn il-modulu	Dan il-modulu jipprovdi ħarsa ġenerali lejn id-drittijiet fundamentali fil-kuntest tal-protezzjoni internazzjonali billi jiffoka fuq il-Karta tal-UE. Dan jispjega d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Karta tal-UE fil-kuntest tal-proċessi tal-ażil u tal-akkoljenza mil-lat legali u prattiku billi jħares lejn l-iżviluppi riċenti bħal dawk indirizzati mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE). Idealment, il-parteċipanti jkunu lestew il-modulu "Introduzzjoni għall-protezzjoni internazzjonali" qabel ma jibdedu dan il-modulu.
Lingwi disponibbli	Dan il-modulu huwa disponibbli online bil-Ingliż u bil-Ġermaniż. Dan se jkun disponibbli online fix-xhur li ġejjin bil-Pollakk. Il-manwal tal-ħarrieġa għat-twassil virtwali huwa disponibbli bil-Ingliż biss.
Modalità ta' twassil u durata	Dan il-modulu jingħata permezz ta' kombinazzjoni ta' madwar 25–30 siegħa ta' studji online u sessjoni wiċċ imb wiċċ ta' jumejn. F'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni, is-sessjoni wiċċ imb wiċċ tista' tingħata b'mod virtwali.
Verżjoni	Il-verżjoni l-aktar riċenti hija mill-2016.
Xi jmiss għal dan il-modulu?	Il-modulu se jiġi aġġornat bħala parti mir-ristrutturar tal-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO.

Ġeneru, identità tal-ġeneru u orjentazzjoni sesswali



Grupp ewlieni fil-mira	Uffiċjali tal-każijiet tal-ażil
Eżiti tal-apprendiment	<ul style="list-style-type: none"> Identifika l-ġeneru, l-identità tal-ġeneru u l-fatturi ta' orjentazzjoni sesswali meta tiġi pproċessata talba għall-protezzjoni internazzjonali. Spjega kif l-esperjenzi relatati mal-ġeneru u l-attitudnijiet lejn il-ġeneru, l-identità tal-ġeneru u l-orjentazzjoni sesswali jinfluwenzaw il-mod kif jiġu pproċessati t-talbiet għall-protezzjoni internazzjonali. Applika approċċ xieraq għall-ġeneru, għall-identità tal-ġeneru u għall-orjentazzjoni sesswali meta tiġi pproċessata talba għall-protezzjoni internazzjonali.
Ħarsa ġenerali lejn il-modulu	Dan il-modulu jipprovdi ħarsa ġenerali lejn in-normi relatati mal-ġeneru, mal-identità tal-ġeneru u mal-orjentazzjoni sesswali, u jesplora kif dawn in-normi jinfluwenzaw lill-uffiċjali tal-każijiet u lill-applikanti meta l-każijiet jiġu vvalutati għall-protezzjoni internazzjonali. Dan jindirizza l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-qafas legali li jippermetti lill-prattikanti jwettqu valutazzjoni tal-evidenza li tqis kif xieraq il-partikolaritajiet tat-talbiet li jnvolvu l-ġeneru, l-identità tal-ġeneru u t-talbiet relatati mal-orjentazzjoni sesswali. L-għan ta' dan il-modulu huwa li jipprovdi approċċ prattiku ta' kif l-aħjar li ssir intervista li tappoġġa l-iżvelar ta' kwistjonijiet relatati mal-ġeneru, mal-identità tal-ġeneru u mal-orjentazzjoni sesswali. Idealment, qabel ma jibdedu dan il-modulu l-parteċipanti jkunu lestew il-moduli "Inklużjoni", "Tekniki ta' intervista" u "Valutazzjoni tal-evidenza".
Lingwi disponibbli	Dan il-modulu huwa disponibbli online bil-Ingliż, bil-Finlandiż, bil-Ġermaniż, bir-Russu, bis-Slovakk u bis-Sloven. Dan se jkun disponibbli online fix-xhur li ġejjin bil-Franċiż u bil-Pollakk. Il-manwal tal-ħarrieġa għat-twassil virtwali huwa disponibbli bil-Ingliż u bil-Ġermaniż.
Modalità ta' twassil u durata	Dan il-modulu jingħata permezz ta' kombinazzjoni ta' madwar 25–30 siegħa ta' studji online u sessjoni wiċċ imb wiċċ ta' jumejn. F'ċirkostanzi t' eċċezzjoni, is-sessjoni wiċċ imb wiċċ tista' tingħata b'mod virtwali.
Verżjoni	Il-verżjoni-aktar riċenti hija mill-2015.
Xi jmiss għal dan il-modulu?	Bħala parti mir-ristrutturar tal-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO, il-kontenut ta' dan il-modulu se jikkontribwixxi għall-moduli li ġejjin: "Vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru", "Applikanti b'orjentazzjoni sesswali, identità u espressjoni tal-ġeneru, jew karatteristiċi tas-sess diversi", "Inklużjoni avvanzata" u "Il-ġestjoni ta' każijiet ta' applikanti b'orjentazzjoni sesswali, identità u espressjoni tal-ġeneru, jew karatteristiċi tas-sess diversi".

Identifikazzjoni ta' każijiet potenzjali ta' Dublin



Grupp ewlieni fil-mira	Uffiċjali tar-reġistrazzjoni, ħaddiema tal-każijiet u uffiċjali tal-akkoljenza
Eżiti tal-apprendiment	<ul style="list-style-type: none"> Iddeskrivi l-kriterji ta' responsabbiltà u l-istadji ewlenin fil-proċedura ta' Dublin fl-ambitu tar-regolament Dublin III u d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-regolament Eurodac u r-regolament dwar is-sistema ta' informazzjoni dwar il-viża. Identifika indikaturi bbażati fuq il-kriterji ta' responsabbiltà skont ir-regolament Dublin III. Applika tekniki ta' komunikazzjoni biex tiġbor evidenza u tipprovdi informazzjoni skont ir-regolament Dublin III, f'konformità mal-linji gwida tal-EASO. Iddetermina jekk każ għandux jiġi rreferut lill-Unità ta' Dublin u, jekk iva, liema informazzjoni għandha tiġi inkluzja.
Ħarsa ġenerali lejn il-modulu	Dan il-modulu jiffoka fuq il-fehim tar-regolament Dublin III u l-atturi involuti fil-proċedura usa' tal-ażil, mingħajr ma jidħol fid-dettalji u t-teknikalitajiet aktar fini tas-sistema ta' Dublin. Dan hu mmirat lejn l-awtoritajiet nazzjonali involuti fil-proċeduri ta' Dublin mill-perspettivi ta' prattikanti differenti, bħall-uffiċjali tar-reġistrazzjoni, l-uffiċjali tal-każijiet, l-uffiċjali tal-akkoljenza u l-uffiċjali tal-ażil involuti fl-għoti ta' informazzjoni (eż. fil-punti tal-iżbark), kif ukoll l-awtoritajiet lokali li jistgħu jindirizzaw applikanti għall-protezzjoni internazzjonali. L-għan ta' dan il-modulu huwa li jipprovdi lill-parteċipanti l-għarfien u l-ħiliet biex jassistu fl-identifikazzjoni ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali li jistgħu jaqgħu taħt il-proċedura ta' Dublin u biex jirreferu l-każijiet tagħhom lill-awtorità kompetenti, li hija l-Unità ta' Dublin.
Lingwi disponibbli	Dan il-modulu huwa disponibbli online bil-Ingliż u bit-Taljan. Dan se jkun disponibbli online fix-xhur li ġejjin bil-Ġermaniż u bir-Rumen. Il-manwal tal-ħarrieġa għat-twassil virtwali huwa disponibbli bil-Ingliż, bil-Ġermaniż u bit-Taljan.
Modalità ta' twassil u durata	Dan il-modulu jingħata permezz ta' kombinazzjoni ta' madwar 10–15-il siegħa ta' studji online u sessjoni wiċċ imb wiċċ ta' jum. F'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni, is-sessjoni wiċċ imb wiċċ tista' tingħata b'mod virtwali.
Verżjoni	Il-verżjoni l-aktar riċenti hija mill-2020.
Xi jmiss għal dan il-modulu?	Dan il-modulu se jiġi aġġornat bħala parti mir-ristrutturar tal-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO.

Identifikazzjoni ta' każijiet potenzjali ta' esklużjoni



Grupp ewlieni fil-mira	Uffiċjali tal-każijiet tal-ażil, uffiċjali tal-akkoljenza u uffiċjali tal-każijiet ta' Dublin
Eżiti tal-apprendiment	<ul style="list-style-type: none"> Spjega r-rwol tal-identifikazzjoni fil-proċess ta' esklużjoni, kif ukoll ir-raġunament u l-oġġettivi wara l-esklużjoni mill-protezzjoni internazzjonali. Identifika atti li jistgħu jiġu esklużi u atturi potenzjali fil-kuntest ta' proċeduri ta' protezzjoni internazzjonali. Irrikonoxxi l-informazzjoni rilevanti li tiskatta eżaminazzjoni ulterjuri kontra l-klawżoli ta' esklużjoni.
Ħarsa ġenerali lejn il-modulu	Dan il-modulu jindirizza l-identifikazzjoni ta' każijiet potenzjali ta' esklużjoni fil-kuntest tal-Artikolu 1F tal-Konvenzjoni dwar ir-Refuġjati tal-1951 u l-Artikolu 12(2) u l-Artikolu 17 tad-Direttiva dwar Standards għall-Kwalifika. Dan jiffoka speċifikament fuq każijiet li fihom persuna tista' potenzjalment titqies bħala li ma ħaqqu protezzjoni internazzjonali. L-għan ta' dan il-modulu huwa li jippermetti lill-uffiċjali li jaħdmu fuq il-proċeduri tal-ażil li jkunu konxji tat-tipi differenti ta' każijiet minn pajjiżi differenti.
Lingwi disponibbli	Dan il-modulu huwa disponibbli online bl-Ingliż biss. Dan se jkun disponibbli online fix-xhur li ġejjin bil-Ġermaniż u bil-Pollakk. Il-manwal tal-ħarrieġa għat-twassil virtwali huwa disponibbli bl-Ingliż u bil-Ġermaniż.
Modalità ta' twassil u durata	Dan il-modulu jingħata permezz ta' kombinazzjoni ta' madwar 10 sigħat ta' studji online u sessjoni wiċċ imb wiċċ ta' jum. F'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni, is-sessjoni wiċċ imb wiċċ tista' tingħata b'mod virtwali.
Verżjoni	Il-verżjoni l-aktar riċenti hija mill-2020.
Xi jmiss għal dan il-modulu?	Dan il-modulu se jiġi aġġornat bħala parti mir-ristrutturar tal-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO.

Inklużjoni



Grupp ewlieni fil-mira	Uffiċjali tal-każijiet tal-ażil
Eżiti tal-apprendiment	<ul style="list-style-type: none"> Identifika min għandu jiġi inkluż fil-proċess tal-ażil. Analizza l-każ ta' applikant biex tiddetermina liema status ta' protezzjoni għandu jingħata. Spjega d-deċiżjoni b'referenza għal-liġi u l-prattika rilevanti.
Ħarsa ġenerali lejn il-modulu	Dan il-modulu jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni dwar ir-Refuġjati tal-1951 u r-relazzjoni tagħha mad-Direttiva tal-UE dwar Standards għall-Kwalifika. Dan jistabbilixxi l-pedamenti għall-għarfien, għall-ħiliet u għall-kompetenzi meħtieġa fit-twettiq tal-kompiti ta' uffiċjal tal-każ billi jiddeskrivi d-definizzjoni ta' "refuġjat", ir-raġunijiet għall-protezzjoni sussidjarja u l-persekuzzjoni fir-rigward tal-Manwal tal-UNHCR u tad-Direttiva dwar Standards għall-Kwalifika. Dan il-modulu jkopri r-rabta bejn il-persekuzzjoni (biża' ġustifikat) u r-raġunijiet tal-konvenzjoni (jiġifieri r-razza, ir-reliġjon, in-nazzjonalità, l-opinjoni politika u grupp soċjali partikolari), il-prinċipju ta' <i>non-refoulement</i> u elementi oħra importanti għall-kwalifika bħala refuġjat jew bħala benefiċjarju ta' protezzjoni sussidjarja.
Lingwi disponibbli	Dan il-modulu huwa disponibbli online bl-Albaniż, bl-Għarbi, bil-Bulgaru, bil-Kroat, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Olandiż, bl-Ingliż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Georgjan, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ungeriż, bit-Taljan, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Maċedonjan, bin-Norveġiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bir-Russu, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Ispanjol u bit-Tork. Il-manwal tal-ħarrieġa għat-twassil virtwali huwa disponibbli bl-Ingliż u bil-Ġermaniż.
Modalità ta' twassil u durata	Dan il-modulu jingħata permezz ta' kombinazzjoni ta' madwar 30 siegħa ta' studji online u sessjoni wiċċ imb wiċċ ta' jumejn. F'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni, is-sessjoni wiċċ imb wiċċ tista' tingħata b'mod virtwali.
Verżjoni	Il-verżjoni l-aktar riċenti hija mill-2013.
Xi jmiss għal dan il-modulu?	Il-modulu se jiġi aġġornat bħala parti mir-ristrutturar tal-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO.

Inklużjoni – avanzata



Grupp ewlieni fil-mira	Uffiċjali tal-każijiet tal-ażil
Eżiti tal-apprendiment	<ul style="list-style-type: none"> Ivvaluta b'mod kritiku l-ħidma fil-kuntest ta' prattiki differenti tal-Istati Membri u ġurisprudenza relatata mas-SEKA. Applika konklużjonijiet meħuda mill-ġurisprudenza Ewropea, prinċipalment mill-każistika tal-QĠUE u mill-każistika tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Indirizza kwistjonijiet interpretattivi relatati mal-kwalifika għall-protezzjoni internazzjonali f'konformità mal-metodu ta' interpretazzjoni tal-QĠUE tad-dritt tal-UE, fin-nuqqas ta' gwida diretta tal-QĠUE. Ipprovi gwida strutturata u dettaljata dwar kwistjonijiet interpretattivi kumplessi relatati mal-kwalifika għall-protezzjoni internazzjonali.
Ħarsa ġenerali lejn il-modulu	<p>Dan il-modulu jiffoka fuq aspetti aktar kumplessi ta' kwalifikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali relatati mal-atti ta' persekuzzjoni, raġunijiet għall-persekuzzjoni, ħsara serja (protezzjoni sussidjarja) u protezzjoni mill-persekuzzjoni jew ħsara serja. Dan jivvaluta b'mod kritiku l-ħidma tal-uffiċjali tal-każijiet tal-ażil fil-kuntest tal-prattika nazzjonali u l-ġurisprudenza relatata mas-SEKA filwaqt li japplika konklużjonijiet meħuda mill-ħidma tal-QĠUE u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Dan il-modulu jgħalliem lill-parteċipanti metodu ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-UE u tal-liġi internazzjonali dwar il-protezzjoni fin-nuqqas ta' gwida tal-QĠUE meta jiffaċċjaw kwistjonijiet interpretattivi kumplessi relatati mal-kwalifika għall-protezzjoni internazzjonali. L-għan ta' dan il-modulu huwa li jipprovdi lill-ħaddema tal-każijiet tal-ażil gwida strukturata u dettaljata lill-kollegi dwar kwistjonijiet interpretattivi kumplessi relatati mal-kwalifika għall-protezzjoni internazzjonali. Peress li dan il-modulu huwa segwitu għall-modulu "Inklużjoni", idealment, il-parteċipanti jkunu lestew dak il-modulu qabel ma jibdwu dan.</p>
Lingwi disponibbli	Dan il-modulu huwa disponibbli online bil-Ingliż, bil-Ġermaniż u bir-Russu. Il-manwal tal-ħarrieġa għat-twassil virtwali huwa disponibbli bil-Ingliż u bil-Ġermaniż.
Modalità ta' twassil u durata	Dan il-modulu jingħata permezz ta' kombinazzjoni ta' madwar 30 siegħa ta' studji online u sessjoni wiċċ imb wiċċ ta' jumejn. F'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni, is-sessjoni wiċċ imb wiċċ tista' tingħata b'mod virtwali.
Verżjoni	Il-verżjoni l-aktar riċenti hija mill-2017.
Xi jmiss għal dan il-modulu?	Il-modulu se jiġi aġġornat bħala parti mir-ristrutturar tal-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO.

Interpretazzjoni fil-kuntest tal-ażil



Grupp ewlieni fil-mira	Interpreti li jaħdmu fil-kuntest tal-ażil
Eżiti tal-apprendiment	<ul style="list-style-type: none"> Iddeskrivi u spjega l-kuntest u l-proċeduri ġenerali tal-ażil. Spjega r-rwol ta' interpretu f'termini ġenerali u, b'mod partikolari, fil-proċedura tal-ażil. Applika l-prinċipji ta' u l-ħiliet meħtieġa għall-interpretazzjoni f'termini ġenerali u fil-kuntest tal-ażil.
Ħarsa ġenerali lejn il-modulu	<p>Il-modulu jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-kuntest tal-ażil mill-perspettiva tal-interpreti u t-tekniki ta' interpretazzjoni ewlenin meħtieġa fil-proċessi tal-ażil. Bl-għan li jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' apprendiment differenti, dan il-modulu jgħin lill-istudenti jiksibu l-għarfien u l-ħiliet biex iwettqu b'mod professjonali l-kompiti tagħhom b'mod effiċjenti u f'konformità mal-istandards internazzjonali. Dan il-modulu għandu fil-mira tiegħu interpreti b'livelli differenti ta' esperjenza u sfondi professjonali (eż. interpreti li jaħdmu għal amministrazzjonijiet nazzjonali jew organizzazzjonijiet internazzjonali jew tal-UE, kif ukoll ħaddiema freelance).</p>
Lingwi disponibbli	Dan il-modulu huwa disponibbli online bil-Ingliż, bil-Ġermaniż, bit-Taljan, bir-Russu u bis-Sloven. Dan se jkun disponibbli online fix-xhur li ġejjin bil-Kroat, bil-Olandiż u bil-Franċiż.
Modalità ta' twassil u durata	Dan il-modulu jitwassal permezz ta' madwar 20 siegħa ta' studji online. It-taħriġ huwa mfassal bħala modulu ta' awtostudju ta' taħlim elettroniku.
Verżjoni	Il-verżjoni l-aktar riċenti hija mill-2018.
Xi jmiss għal dan il-modulu?	Dan il-modulu se jiġi aġġornat bħala parti mir-ristrutturar tal-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO.

Intervistar tat-tfal



Grupp ewlieni fil-mira	Uffiċjali tal-każijiet tal-ażil li jintervistaw applikanti tfal għall-protezzjoni internazzjonali
Eżiti tal-apprendiment	<ul style="list-style-type: none"> Mexxi intervista effettiva ma' wild minuri fil-kuntest tal-protezzjoni internazzjonali filwaqt li tirrispetta l-aħjar interessi tiegħu. Adatta l-intervista għall-maturità u s-sitwazzjoni tal-wild minuri.
Ħarsa ġenerali lejn il-modulu	Dan il-modulu jiffoka fuq l-istadji tal-iżvilupp tat-tfal, is-salvagwardji legali u proċedurali għat-tfal fil-proċess ta' protezzjoni internazzjonali u t-tekniki ta' intervistar speċifiċi għat-tfal. Billi jiffoka fuq l-aħjar interessi tal-wild minuri, dan il-modulu jispjega kif għandha tiġi vvalutata l-maturità tal-wild minuri qabel u matul l-intervista sabiex l-intervista tiġi adattata għall-maturità u għas-sitwazzjoni ta' kull wild minuri. L-għan huwa li l-uffiċjali tal-każijiet tal-ażil jingħataw l-għarfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet meħtieġa biex iwettqu intervista personali professjonali u effettiva ma' wild minuri. Idealment, il-parteċipanti jkunu lestew il-modulu "Tekniki ta' intervistar" qabel ma jibdedu dan il-modulu.
Lingwi disponibbli	Dan il-modulu huwa disponibbli online bl-Ingliż, bir-Russu, bis-Slovakk u bis-Sloven. Dan se jkun disponibbli online fix-xhur li ġejjin bil-Ġermaniż u bil-Pollakk. Il-manwal tal-ħarrieġa għat-twassil virtwali huwa disponibbli bl-Ingliż u bil-Ġermaniż.
Modalità ta' twassil u durata	Dan il-modulu jingħata permezz ta' kombinazzjoni ta' madwar 25–30 siegħa ta' studji online u sessjoni wiċċ imb wiċċ ta' jumejn. F'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni, is-sessjoni wiċċ imb wiċċ tista' tingħata b'mod virtwali.
Verżjoni	Il-verżjoni l-aktar riċenti hija mill-2018.
Xi jmiss għal dan il-modulu?	Bħala parti mir-ristrutturar tal-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO, il-kontenut ta' dan il-modulu se jintuża fil-ħolqien tal-moduli l-ġodda "It-tfal fil-proċess tal-ażil" u "Il-ġestjoni ta' każijiet bi tfal".

Intervistar ta' persuni vulnerabbli



Grupp ewlieni fil-mira	Uffiċjali tal-każijiet tal-ażil
Eżiti tal-apprendiment	<ul style="list-style-type: none"> Wettaq intervista ma' persuna vulnerabbli filwaqt li tqis il-kuntesti legali, proċedurali u soċjali li jaffettwaw lill-applikant. Identifika l-ħtiġijiet proċedurali speċjali u l-effett li jista' jkollhom fuq l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. Applika approċċ xieraq għall-istabbiliment ta' rapport u għall-iffaċilitar tal-iżvelar minn applikant vulnerabbli.
Ħarsa ġenerali lejn il-modulu	Dan il-modulu jiffoka fuq il-qafas legali u d-definizzjoni ta' "vulnerabbiltà" fil-kuntest ta' proċedura ta' protezzjoni internazzjonali. Dan jindirizza n-normi tal-applikant u kif il-qafas normattiv jista' jintuża biex jiġu identifikati l-vulnerabbiltajiet l-aktar komuni u l-fatturi li jfixklu d-divulgazzjoni matul l-intervistar ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali. Dan il-modulu jinkludi studji tal-każ ta' sitwazzjonijiet diffiċli ta' intervistar li jinvolvu applikanti vulnerabbli u kif wieħed għandu jieħu ħsieb lilu nnifsu wara intervista bħal din. L-għan huwa li l-uffiċjali tal-każijiet tal-ażil jitħejjew biex jiksbu l-akbar ammont possibbli ta' informazzjoni affidabbli meta jintervistaw lil persuni vulnerabbli, biex isegwu b'mod professjonali l-intervista, jissalvagwardjaw applikant bi bżonnijiet speċjali u jħejju l-każ għall-istadji li jmiss fil-proċess.
Lingwi disponibbli	Dan il-modulu huwa disponibbli online bl-Ingliż, bil-Ġermaniż, bil-Portugiż, bir-Russu, bis-Slovakk u bit-Tork. Dan se jkun disponibbli online fix-xhur li ġejjin bil-Grieg u bil-Maċedonjan. Il-manwal tal-ħarrieġa għat-twassil virtwali huwa disponibbli bl-Ingliż u bil-Ġermaniż.
Modalità ta' twassil u durata	Dan il-modulu jingħata permezz ta' kombinazzjoni ta' madwar 25–30 siegħa ta' studji online u sessjoni wiċċ imb wiċċ ta' jumejn. F'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni, is-sessjoni wiċċ imb wiċċ tista' tingħata b'mod virtwali.
Verżjoni	Il-verżjoni l-aktar riċenti hija mill-2018.
Xi jmiss għal dan il-modulu?	Bħala parti mir-ristrutturar tal-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO, il-kontenut ta' dan il-modulu se jintuża fil-moduli "Introduzzjoni għall-vulnerabbiltà", "Vittmi ta' tortura u vjolenza" u "Intervistar avanzat".

Tekniki tal-Intervistar



Grupp ewlieni fil-mira Uffiċjali tal-każijiet tal-ażil

Eżiti tal-apprendiment

- Wettaq intervista effettiva ma' applikant għall-protezzjoni internazzjonali.
- Uri attitudni professjonali matul l-intervista.

Ħarsa ġenerali lejn il-modulu Dan il-modulu jstabbilixxi l-pedamenti għall-għarfien, għall-ħiliet u għall-kompetenzi meħtieġa fit-twettiq tal-kompiti ta' uffiċjal tal-każ. Dan jiffoka fuq il-Metodu ta' Intervistar dwar l-Ażil – il-protokoll strutturat ta' intervistar ippreżentat mill-EASO għat-twettiq tal-intervista personali – u jibni fuq ir-riċerka u l-esperjenzi relatati ma' protokoll strutturati ta' intervistar f'oqsma oħra, bħall-psikoloġija, il-liġi u l-istudji soċjali, billi jadatta dawn il-protokoll għall-karatteristiċi speċifiċi tal-intervista personali u l-proċedura tal-ażil. L-għan ta' dan il-modulu huwa li jgħallem lill-prattikanti kif jużaw il-Metodu ta' Intervistar dwar l-Ażil biex jiġbru informazzjoni suffiċjenti, rilevanti u affidabbli biex jivvalutaw applikazzjoni.

Lingwi disponibbli Dan il-modulu huwa disponibbli online bl-Albaniż, bil-Bulgaru, bil-Kroat, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Olandiż, bl-Ingliż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ungeriż, bit-Taljan, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Maċedonjan, bin-Norveġiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Ispanjol u bit-Tork.
Il-manwal tal-ħarrieġa għat-twassil virtwali huwa disponibbli bl-Ingliż u bil-Ġermaniż.

Modalità ta' twassil u durata Dan il-modulu jingħata permezz ta' kombinazzjoni ta' madwar 25–30 siegħa ta' studji online u sessjoni wiċċ imb wiċċ ta' jumejn.
F'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni, is-sessjoni wiċċ imb wiċċ tista' tingħata b'mod virtwali.

Verżjoni Il-verżjoni l-aktar riċenti hija mill-2019.

Xi jmiss għal dan il-modulu? Bħala parti mir-ristrutturar tal-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO, il-kontenut ta' dan il-modulu se jintuża fil-ħolqien tal-moduli l-ġodda "Metodu ta' intervistar dwar l-Ażil", "Introduzzjoni għall-vulnerabbiltà" u "Intervistar avanzat".

Introduzzjoni għad-didattika



Grupp ewlieni fil-mira Ħarrieġa futuri tal-moduli ta' taħriġ tal-EASO

Eżiti tal-apprendiment

- Iggwida b'mod effiċjenti lill-parteciċpanti permezz tal-faзи tal-apprendiment elettroniku ta' modulu tal-EASO.
- Ħejji b'mod effiċjenti s-sessjoni wiċċ imb wiċċ ta' modulu tal-EASO.
- Identifika strateġiji għal-indirizzar tal-isfidi differenti li jistgħu jiltaqgħu magħhom il-ħarrieġa.
- Wettaq is-sessjoni wiċċ imb wiċċ ta' modulu tal-EASO.

Ħarsa ġenerali lejn il-modulu Dan il-modulu jiffoka fuq kif l-aħjar jiġhejja taħriġ ibbażat fuq il-materjal tal-EASO. Dan jiddeskrivi kif għandu jifassal il-kontenut għal udjenzi nazzjonali speċifiċi u metodi xierqa biex jiġu indirizzati sfidi speċifiċi li jiffaċċjaw il-ħarrieġa matul it-taħriġ tagħhom. L-għan ta' dan il-modulu hu li jħejji lill-parteciċpanti biex isiru ħarrieġa nazzjonali bl-użu tal-moduli tal-EASO.

Lingwi disponibbli Dan il-modulu huwa disponibbli online bl-Ingliż, bit-Taljan, bir-Russu u bit-Tork.
Il-manwal tal-ħarrieġa għat-twassil virtwali huwa disponibbli bl-Ingliż u bit-Taljan.

Modalità ta' twassil u durata Dan il-modulu jingħata permezz ta' kombinazzjoni ta' madwar 7 sigħat–12-il siegħa ta' studji online u sessjoni wiċċ imb wiċċ ta' jum u nofs.
F'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni, is-sessjoni wiċċ imb wiċċ tista' tingħata b'mod virtwali.

Verżjoni Il-verżjoni l-aktar riċenti hija mill-2016.

Xi jmiss għal dan il-modulu? Il-modulu se jiġi aġġornat bħala parti mir-ristrutturar tal-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO.

Introduzzjoni għall-protezzjoni internazzjonali



Grupp ewlieni fil-mira	Prattikanti tal-ażil u tal-akkoljenza
Eżiti tal-apprendiment	<ul style="list-style-type: none"> • Ifhem l-importanza tad-dritt għall-ażil u l-prinċipju ta' <i>non-refoulement</i>. • Spjega l-kunċett ta' protezzjoni internazzjonali derivat mill-<i>acquis</i> tal-UE. • Spjega l-istadji ewlenin tal-proċedura tal-ażil u r-rwol tal-uffiċjal tal-ażil fi ħdan il-proċedura. • Uri fehim bażiku tal-kriterji ta' eliġibbiltà u fehim bażiku tal-valutazzjoni tal-evidenza.
Ħarsa ġenerali lejn il-modulu	Il-modulu jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-protezzjoni internazzjonali, l-istrumenti legali ewlenin relatati mal-ażil, it-terminoloġija ewlenija u l-istadji ewlenin fil-proċess tal-ażil. Dan jispjega d-dritt għall-ażil, il-prinċipju ta' <i>non-refoulement</i> , il-kunċett ta' protezzjoni internazzjonali u l-istadji ewlenin tal-proċedura tal-ażil. L-għan ta' dan il-modulu huwa li jintroduċi prattikanti tal-ażil u l-akkoljenza fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali.
Lingwi disponibbli	Dan il-modulu huwa disponibbli online bl-Ingliż u bil-Pollakk. Dan se jkun disponibbli online fix-xhur li ġejjin bil-Ġermaniż u bl-Ispanjol. Il-manwal tal-ħarrieġa għat-twassil virtwali huwa disponibbli bl-Ingliż u bil-Ġermaniż.
Modalità ta' twassil u durata	Dan il-modulu jingħata permezz ta' kombinazzjoni ta' madwar 8–10 sigħat ta' studji online u sessjoni wiċċ imb wiċċ ta' jum. F'ċirkostanzita' eċċezzjoni, is-sessjoni wiċċ imb wiċċ tista' tingħata b'mod virtwali.
Verżjoni	Il-verżjoni l-aktar riċenti hija mill-2016.
Xi jmiss għal dan il-modulu?	Dan il-modulu se jiġi ristrutturatur. Parti minnu għandha tiġi inkluża fil-modulu l-ġdid "Introduzzjoni għall-qafas legali dwar il-protezzjoni internazzjonali fl-UE".

Ġestjoni fil-kuntest tal-ażil



Grupp ewlieni fil-mira	Maniġers fil-kuntest tal-ażil
Eżiti tal-apprendiment	<ul style="list-style-type: none"> • Applika teoriji, ħiliet u għodod ta' tmexxija u ta' ġestjoni fil-kuntest tal-ġestjoni tal-ażil.
Ħarsa ġenerali lejn il-modulu	Dan il-modulu jkopri aspetti differenti relatati mad-dmirijiet ta' kuljum ta' maniġer li jaħdem fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali. Dan ikopri kemm l-għarfien teoretiku kif ukoll prattiku, għandu l-għan li jippermetti lit-trainees jiżviluppaw kompetenzi li se jassistuhom biex jiżguraw li d-dipartimenti tagħhom jipprovdu standards ta' kwalità tajbin u effiċjenza, f'konformità mar-rekwiżiti internazzjonali u legali tal-UE.
Lingwi disponibbli	Dan il-modulu huwa disponibbli online bl-Ingliż biss. Il-manwal tal-ħarrieġa għat-twassil virtwali huwa disponibbli bl-Ingliż biss.
Modalità ta' twassil u durata	Dan il-modulu jingħata permezz ta' kombinazzjoni ta' madwar 20 siegħa ta' studji online u sessjoni wiċċ imb wiċċ ta' jumejn. F'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni, is-sessjoni wiċċ imb wiċċ tista' tingħata b'mod virtwali.
Verżjoni	Il-verżjoni l-aktar riċenti hija mill-2019.
Xi jmiss għal dan il-modulu?	Il-modulu se jiġi aġġornat b'ħala parti mir-ristrutturatur tal-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO.

Ġestjoni fil-kuntest tal-akkoljenza



Drittijiet tal-awtur minn Fedasil, faċilità ta' akkoljenza f'Moeskroen

Grupp ewlieni fil-mira	Maniġers, diretturi u mexxejja tat-timijiet ta' faċilitajiet jew aġenziji ta' akkoljenza
Eżiti tal-apprendiment	<ul style="list-style-type: none"> • Applika teoriji, ħiliet u għodod ta' tmexxija u ta' ġestjoni fil-kuntest tal-akkoljenza.
Ħarsa ġenerali lejn il-modulu	Dan il-modulu jkopri aspetti differenti relatati mad-dmirijiet ta' kuljum ta' maniġer li jaħdem fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali. Dan ikopri kemm l-għarfien teoretiku kif ukoll prattiku, u għandu l-għan li jiżviluppa kompetenzi li jtejbju l-kwalità u l-effiċjenza fl-akkoljenza, f'konformità mal-istandards Ewropej.
Lingwi disponibbli	Dan il-modulu huwa disponibbli online bl-Ingliż biss. Dan se jkun disponibbli online fix-xhur li ġejjin bl-Ispanjol.
Modalità ta' twassil u durata	Dan il-modulu jingħata permezz ta' kombinazzjoni ta' madwar 20 siegħa ta' studji online u sessjoni wiċċ imb wiċċ ta' jumejn. F'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni, is-sessjoni wiċċ imb wiċċ tista' tingħata b'mod virtwali.
Verżjoni	Il-verżjoni l-aktar riċenti hija mill-2020.

Informazzjoni Medika dwar il-pajjiż ta' oriġini




Grupp ewlieni fil-mira	Riċerkaturi tas-COI u professjonisti oħra li jaħdmu b'informazzjoni medika dwar il-pajjiż ta' oriġini (MedCOI)
Eżiti tal-apprendiment	<ul style="list-style-type: none"> • Iddeskrivi l-kamp ta' applikazzjoni u r-rwol tal-MedCOI fi proċeduri differenti. • Iddeskrivi l-istandards legali u l-prattiki differenti fl-Istati tal-UE+. • Spjega d-differenzi bejn is-COI ġenerali u l-MedCOI. • Ifformula mistoqsijiet affidabbli u fittex u interpreta informazzjoni dwar il-MedCOI fil-bażi ta' data tal-MedCOI. • Niedi talba individwali.
Ħarsa ġenerali lejn il-modulu	Billi jiffoka direttament fuq il-bażi ta' data tal-MedCOI, dan il-modulu jiffoka fuq kif l-aħjar tiżviluppa mistoqsijiet speċifiċi għall-każ, tfittex il-bażi ta' data tal-MedCOI, tinterpreta l-informazzjoni li tinstab fit-tweġibiet għal talbiet u tnedi talba tal-MedCOI. Dan il-modulu jqis ċirkostanzi differenti u joffri żewġ perkorsi ta' apprendiment differenti: modulu bażiku biex wieħed jitgħallem kif ifittex il-bażi ta' data tal-MedCOI u modulu avanzat għall-utenti avanzati tal-MedCOI li huma responsabbli mit-tnedija ta' talbiet ġodda tal-MedCOI. L-għan ta' dan il-modulu huwa li jgħin lill-utenti tal-bażi ta' data tal-MedCOI jifhmu l-kamp ta' applikazzjoni tal-bażi ta' data tal-MedCOI u r-rwol tal-MedCOI fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali. L-istudenti għandhom ilestu l-MedCOI bażiku qabel ma jibdeu il-MedCOI avanzat.
Lingwi disponibbli	Peress li l-bażi ta' data tal-MedCOI hija bl-Ingliż, dan il-modulu huwa disponibbli bl-Ingliż biss. Il-manwal tal-ħarrieġa għat-twassil virtwali huwa disponibbli wkoll bl-Ingliż biss.
Modalità ta' twassil u durata	Il-MedCOI bażiku jingħata biss online, filwaqt li l-MedCOI avanzat jingħata online u wiċċ imb wiċċ. Il-MedCOI bażiku jingħata permezz ta' 10 siegħa–12-il siegħa ta' studji online. Il-MedCOI avanzat jingħata permezz ta' kombinazzjoni ta' madwar 15-il siegħa ta' studji online u sessjoni wiċċ imb wiċċ ta' jum u nofs. F'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni, is-sessjoni wiċċ imb wiċċ tista' tingħata b'mod virtwali.
Verżjoni	Il-verżjoni l-aktar riċenti hija mill-2019.
Xi jmiss għal dan il-modulu?	Il-modulu se jiġi rieżaminat bħala parti mir-ristrutturar tal-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO.

Akkoljenza



Grupp ewlieni fil-mira	Il-prattikanti tal-ażil u tal-akkoljenza f'kuntatt dirett mal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali fis-sistema ta' akkoljenza
Eżiti tal-apprendiment	<ul style="list-style-type: none"> Spjega l-qafas legali u organizzazzjonali għall-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali. Iddeskrivi l-elementi tal-fażijiet differenti fil-proċess ta' akkoljenza. Identifika lil individwi bi ħtiġijiet ta' akkoljenza speċjali u t-tfassil ta' intervent imfassal apposta. Spjega r-rwol u l-ħiliet professjonali tal-uffiċjali tal-akkoljenza. Spjega l-oqsma ta' kooperazzjoni ma' partijiet ikkonċernati differenti skont ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tagħhom.
Ħarsa ġenerali lejn il-modulu	<p>Dan il-modulu jkopri t-taħriġ bażiku li jeħtieġu l-uffiċjali tal-akkoljenza skont id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza. Billi jitfa' dawl fuq l-iżviluppi storiċi internazzjonali u l-kuntest legali li fih żviluppaw il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza attwali, dan il-modulu jiffoka fuq ir-rwol tal-uffiċjal tal-akkoljenza u l-firxa ta' ħiliet meħtieġa (eż. l-iffissar ta' konfini professjonali, il-komunikazzjoni f'ambjent interkulturali, it-trattament tal-partijiet ikkonċernati u l-ġestjoni tal-kunflitti). L-għan ta' dan il-modulu huwa li jindirizza l-fażijiet tal-proċess ta' akkoljenza, u b'hekk iħejji b'mod professjonali lill-uffiċjali ta' akkoljenza biex jidentifikaw ħtiġijiet ta' akkoljenza speċjali, jaħdmu ma' gruppi vulnerabbli u jindirizzaw is-saħħa mentali f'kuntest ta' akkoljenza.</p>
Lingwi disponibbli	<p>Dan il-modulu huwa disponibbli online bil-Kroat, bl-Olandiż, bl-Ingliż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bit-Taljan, bir-Rumen, bir-Russu u bis-Slovakk. Dan se jkun disponibbli online fix-xhur li ġejjin bl-Ispanjol.</p> <p>Il-manwal tal-ħarrieġa għat-twassil virtwali huwa disponibbli bl-Ingliż u bil-Ġermaniż.</p>
Modalità ta' twassil u durata	<p>Dan il-modulu jingħata permezz ta' kombinazzjoni ta' madwar 15–20 siegħa ta' studji online u sessjoni wiċċ imb wiċċ ta' jumejn.</p> <p>F'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni, is-sessjoni wiċċ imb wiċċ tista' tingħata b'mod virtwali.</p>
Verżjoni	<p>Il-verżjoni l-aktar riċenti hija mill-2015.</p>
Xi jmiss għal dan il-modulu?	<p>Bħala parti mir-ristrutturar tal-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO, il-kontenut ta' dan il-modulu se jintuża fil-moduli li ġejjin: "Introduzzjoni għall-akkoljenza", "Ġestjoni tal-kunflitti u medjazzjoni fl-akkoljenza", "Appoġġ psikosoċjali u gwida fl-akkoljenza", "Akkoljenza ta' persuni vulnerabbli (blokka A)", "Akkoljenza ta' persuni vulnerabbli (blokka B)" u "Standards ta' akkoljenza tekniċi".</p>

Akkoljenza ta' persuni vulnerabbli: identifikazzjoni tal-vulnerabbiltà u l-għoti ta' appoġġ inizjali (blokka A)




Grupp ewlieni fil-mira	Il-prattikanti tal-ażil u tal-akkoljenza f'kuntatt dirett mal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali fis-sistema ta' akkoljenza
Eżiti tal-apprendiment	<ul style="list-style-type: none"> Iddeskrivi l-indikaturi tal-vulnerabbiltà, il-kategoriji ta' persuni vulnerabbli u l-implikazzjonijiet tal-vulnerabbiltajiet għal ħtiġijiet ta' akkoljenza speċjali. Applika tekniki u proċeduri biex tidentifika applikanti għall-ażil bi bżonnijiet ta' akkoljenza speċjali u ddeċiedi kif tittrattahom. Ibda l-appoġġ għall-applikanti bi bżonnijiet ta' akkoljenza speċjali.
Ħarsa ġenerali lejn il-modulu	<p>Dan il-modulu jiffoka fuq il-kunċett ta' vulnerabbiltà fil-kuntest tal-akkoljenza. Dan jiddeskrivi kategoriji differenti ta' persuni vulnerabbli, filwaqt li jiffoka fuq l-implikazzjonijiet tal-vulnerabbiltajiet għall-ħtiġijiet ta' akkoljenza, l-indikaturi tal-vulnerabbiltà, il-fatturi protettivi u l-istadji inizjali biex jiġu appoġġati applikanti bi bżonnijiet ta' akkoljenza speċjali, l-ewwel għajna psikoloġika, u l-preġudizzji u kif għandhom jingħelbu. Dan jiddeskrivi wkoll kif għandhom jinbnew rapporti oġġettivi li jiddeskrivu l-osservazzjonijiet dwar il-vulnerabbiltà, il-prinċipji bażiċi tal-allokazzjoni tal-faċilitajiet u tal-kmamar għal persuni vulnerabbli, u l-għoti ta' informazzjoni lil persuni vulnerabbli.</p>
Lingwi disponibbli	<p>Dan il-modulu huwa disponibbli online bl-Ingliż biss. Dan se jkun disponibbli online fix-xhur li ġejjin biċ-Ċek, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bis-Slovakk u bl-Ispanjol.</p> <p>Il-manwal tal-ħarrieġa għat-twassil virtwali huwa disponibbli bl-Ingliż, bil-Ġermaniż u bis-Slovakk.</p>
Modalità ta' twassil u durata	<p>Dan il-modulu jingħata permezz ta' kombinazzjoni ta' madwar 20–30 siegħa ta' studji online u sessjoni wiċċ imb wiċċ ta' jum.</p> <p>F'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni, is-sessjoni wiċċ imb wiċċ tista' tingħata b'mod virtwali.</p>
Verżjoni	<p>Il-verżjoni l-aktar riċenti hija mill-2020.</p>
Xi jmiss għal dan il-modulu?	<p>Dan il-modulu huwa disponibbli għall-prattikanti tal-ażil u tal-akkoljenza u jingħata f'konformità mal-pjan ta' taħriġ annwali tal-EASO.</p>

Akkoljenza ta' persuni vulnerabbli: valutazzjoni tal-ħtiġijiet u tfassil tal-interventi (blokka B)



Grupp ewlieni fil-mira	Il-prattikanti tal-ażil u tal-akkoljenza f'kuntatt dirett mal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali fis-sistema ta' akkoljenza
Eżiti tal-apprendiment	<ul style="list-style-type: none"> Iddeskrivi l-impatt potenzjali ta' vulnerabbiltajiet speċifiċi fuq il-ħtiġijiet ta' akkoljenza. lvvaluta l-ħtiġijiet ta' akkoljenza speċjali tal-applikanti. It-tfassil u r-rieżami tal-pjanijiet ta' akkoljenza personali tal-applikanti għall-ażil fil-kuntest tal-vulnerabbiltajiet eżistenti u li qed jevolvu.
Ħarsa ġenerali lejn il-modulu	Dan il-modulu jiffoka fuq l-importanza li jiġu inkorporati l-ħtiġijiet li jirriżultaw mill-vulnerabbiltajiet tal-applikanti f'deċiżjonijiet u azzjonijiet fl-akkoljenza, kif titwettaq valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' akkoljenza speċjali ma' applikant għall-protezzjoni internazzjonali, u kif għandhom jittfasslu u jiġu rieżaminati l-pjanijiet ta' akkoljenza personali fil-kuntest tal-vulnerabbiltajiet eżistenti u li qed jevolvu. L-għan ta' dan il-modulu huwa li l-uffiċjali tal-akkoljenza jiġu mgħammra b'fehim ta' kif il-vulnerabbiltajiet jinfluwenzaw il-ħtiġijiet ta' akkoljenza. Idealment, il-parteċipanti jkunu lestew il-modulu "L-akkoljenza ta' persuni vulnerabbli: l-identifikazzjoni tal-vulnerabbiltà u l-għoti ta' appoġġ inizjali (blokka A)" qabel ma jibdedu dan il-modulu.
Lingwi disponibbli	Dan il-modulu dalwaqt se jkun disponibbli online bl-Ingliż biss. Dan se jkun disponibbli online fix-xhur li ġejjin biċ-Ċek, bil-Ġermaniż, bis-Slovakk u bl-Ispanjol. Il-manwal tal-ħarrieġa għat-twassil virtwali huwa disponibbli bl-Ingliż u bil-Ġermaniż.
Modalità ta' twassil u durata	Dan il-modulu jiġi pprovdut online biss. It-tul tal-istudji online huwa ta' madwar 15-il siegħa.
Verżjoni	Il-verżjoni l-aktar riċenti hija mill-2020.
Xi jmiss għal dan il-modulu?	Dan il-modulu se jkun disponibbli għall-prattikanti tal-ażil u tal-akkoljenza u jingħata f'konformità mal-pjan ta' taħriġ annwali tal-EASO mit-tieni semestru tal-2021.

Reġistrazzjoni ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali



Grupp ewlieni fil-mira	Uffiċjali tar-reġistrazzjoni
Eżiti tal-apprendiment	<ul style="list-style-type: none"> Iddeskrivi d-dispożizzjonijiet legali ewlenin tal-UE dwar il-protezzjoni internazzjonali, speċifikament dawk relatati mar-reġistrazzjoni. Segwi l-istadji differenti tal-proċess ta' reġistrazzjoni u applika salvagwardji proċedurali għall-applikanti bi bżonnijiet speċjali matul ir-reġistrazzjoni. Adotta approċċ xieraq għall-komunikazzjoni matul ir-reġistrazzjoni.
Ħarsa ġenerali lejn il-modulu	Dan il-modulu jkopri l-qafas legali dwar il-protezzjoni internazzjonali b'enfasi fuq l-aċċess għall-proċedura tal-ażil, l-istadji tal-proċess ta' reġistrazzjoni, is-salvagwardji għall-applikanti bi bżonnijiet speċjali matul it-tekniki ta' reġistrazzjoni u komunikazzjoni meta jwettqu r-reġistrazzjoni. L-għan ta' dan il-modulu huwa li jipprovdi lill-parteċipanti l-għarfien u l-ħiliet meħtieġa biex jipproċessaw ir-reġistrazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali. Idealment, qabel ma jibdedu dan il-modulu l-parteċipanti jkunu lestew il-moduli "Komunikazzjoni għall-prattikanti tal-ażil", "Qafas legali", "Standards etiċi u professjonali" u "Introduzzjoni għall-vulnerabbiltà".
Lingwi disponibbli	Dan il-modulu huwa disponibbli online bl-Ingliż, bil-Ġermaniż u bit-Taljan. Il-manwal tal-ħarrieġa għat-twassil virtwali huwa disponibbli bl-Ingliż, bil-Ġermaniż u bit-Taljan.
Modalità ta' twassil u durata	Dan il-modulu jingħata permezz ta' kombinazzjoni ta' madwar 15-il siegħa ta' studji online u sessjoni wiċċ imb wiċċ ta' jum. F'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni, is-sessjoni wiċċ imb wiċċ tista' tingħata b'mod virtwali.
Verżjoni	Il-verżjoni l-aktar riċenti hija mill-2020.
Xi jmiss għal dan il-modulu?	Dan il-modulu se jiġi aġġornat b'ħala parti mir-ristrutturar tal-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO.

Risistemazzjoni



Grupp ewlieni fil-mira	<i>Uffiċjali tal-każijiet tal-ażil, uffiċjali tar-risistemazzjoni u professjonisti oħra li jaħdmu fir-risistemazzjoni</i>
Eżiti tal-apprendiment	<ul style="list-style-type: none"> Spjega kif għandu jiġi implimentat proċess ta' risistemazzjoni b'suċċess. Identifika l-isfidi fil-proċess ta' risistemazzjoni. Fassal attivitajiet ta' risistemazzjoni li jiffunzjonaw tajjeb.
Ħarsa ġenerali lejn il-modulu	Dan il-modulu jindirizza l-aspetti ewlenin tal-proċess ta' risistemazzjoni: l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet ta' risistemazzjoni mill-UNHCR u s-sottomissjoni tal-fajl ta' risistemazzjoni lill-Istat Membru inkwistjoni, it-tnejn u l-ġestjoni tal-missjoni tal-għażla, l-għażla tad-dossier, l-orjentazzjoni ta' qabel it-tluq, it-trasferiment u l-forniment tas-servizzi rilevanti ta' wara l-wasla lir-refuġjati risistemizzati. L-għan tal-modulu huwa li jżid l-għarfien tal-parteċipanti dwar x'inhi r-risistemazzjoni, kif tista' tiġi organizzata u kif għandhom jimmaniġġjaw b'suċċess il-fażijiet differenti tal-proċess ta' risistemazzjoni.
Lingwi disponibbli	Dan il-modulu huwa disponibbli online bl-Ingliż u bil-Ġermaniż. Dan se jkun disponibbli online fix-xhur li ġejjin bl-Ispanjol. Il-manwal tal-ħarrieġa għat-twassil virtwali huwa disponibbli bl-Ingliż biss.
Modalità ta' twassil u durata	Dan il-modulu jingħata permezz ta' kombinazzjoni ta' madwar 20–30 siegħa ta' studji online u sessjoni wiċċ imb wiċċ ta' jumejn. F'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni, is-sessjoni wiċċ imb wiċċ tista' tingħata b'mod virtwali.
Verżjoni	Il-verżjoni l-aktar riċenti hija mill-2019.
Xi jmiss għal dan il-modulu?	Bħala parti mir-ristrutturar tal-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO, il-kontenut ta' dan il-modulu se jintuża fil-moduli li ġejjin: "Introduzzjoni għar-risistemazzjoni", "Risistemazzjoni: għażla", "Risistemazzjoni: koordinazzjoni tal-missjonijiet", "Risistemazzjoni: koordinazzjoni tal-missjonijiet tal-għażla", "Risistemazzjoni: qabel it-tluq" u "Risistemazzjoni: koordinazzjoni tal-missjonijiet ta' orjentazzjoni ta' qabel it-tluq".

Traffikar tal-bnedmin



Grupp ewlieni fil-mira	<i>Uffiċjali tal-ażil u uffiċjali oħrajn li jiġu f'kuntatt ma' vittmi jew ma' vittmi potenzjali tat-traffikar tal-bnedmin (THB)</i>
Eżiti tal-apprendiment	<ul style="list-style-type: none"> Livell 1. Identifika sinjali ta' THB. Spjega kif għandha tiġi indirizzata l-ewwel laqgħa ma' vittma jew ma' vittma potenzjali tat-THB. Livell 2. Kun af kif tħejji u tmexxi intervista dwar l-ażil ma' vittma jew ma' vittma potenzjali tat-THB. Ifhem kif għandek tindirizza l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet f'talba għal protezzjoni li tinvolvi vittma jew vittma potenzjali tat-THB.
Ħarsa ġenerali lejn il-modulu	Dan il-modulu huwa magħmul minn żewġ livelli. L-ewwel livell iqajjem sensibilizzazzjoni dwar il-vittmi jew il-vittmi potenzjali tat-traffikar. Dan għandu l-għan li jipprovdi l-għarfien u l-ħiliet meħtieġa sabiex jiġi identifikati vittmi potenzjali ta' traffikar u tinbena kapaċità biex tiġi indirizzata l-ewwel laqgħa. It-tieni livell jispjega fuq il-vittmi ta' traffikar li jistgħu jkunu fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali. Dan jispjega kif wieħed għandu jħejji u jwettaq intervista tal-ażil ma' vittma jew vittma potenzjali ta' traffikar tal-bnedmin, u kif għandu jindirizza t-teħid tad-deċiżjonijiet f'talba għall-protezzjoni bl-involvement ta' tali persuna. Idealment, il-parteċipanti jkunu lestew il-moduli "Inklużjoni", "Tekniki ta' intervistar" u "Valutazzjoni tal-evidenza" qabel jibdew il-livell 2 ta' dan il-modulu.
Lingwi disponibbli	Dan il-modulu huwa disponibbli online bl-Ingliż, bil-Ġermaniż, bit-Taljan u bit-Tork. Dan se jkun disponibbli online fix-xhur li ġejjin bl-Għarbi, bis-Slovakk u bl-Ispanjol. Il-manwal tal-ħarrieġa għat-twassil virtwali huwa disponibbli bl-Għarbi, bl-Ingliż, bil-Ġermaniż u bit-Taljan.
Modalità ta' twassil u durata	Dan il-modulu jingħata permezz ta' kombinazzjoni ta' madwar 18-il siegħa–20 siegħa ta' studji online (b'kolloxx għaż-żewġ livelli) u sessjoni wiċċ imb wiċċ ta' jumejn. F'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni, is-sessjoni wiċċ imb wiċċ tista' tingħata b'mod virtwali.
Verżjoni	Il-verżjoni l-aktar riċenti hija mill-2017.
Xi jmiss għal dan il-modulu?	Bħala parti mir-ristrutturar tal-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO, il-kontenut ta' dan il-modulu se jintuża fit-"Traffikar tal-bnedmin" u fil-"Ġestjoni ta' każijiet dwar it-traffikar tal-bnedmin".

Anness I – Verżjonijiet lingwistiċi tal-moduli tal-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO

	bg	cs	da	de	el	en	es	et	fi	fr	ga	hr	hu	it	lt	lv	mt	nl	pl	pt	ro	sk	sl	sv	ar	ka	mk	no	ru	sq	tr		
Applikazzjoni ta' klawżoli ta' esklużjoni għal persuni li ma haqhomx il-protezzjoni internazzjonali				✓	✓	✓													✓				✓										
Direttiva dwar il-proċeduri tal-ażil						✓																											
Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil						✓																											
Għoti ta' informazzjoni lill-applikanti għall-ażil u l-komunikazzjoni magħhom						✓							✓																				
Informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini				✓		✓																											
Regolament ta' Dublin III		✓		✓		✓			✓												✓												
Tmim tal-protezzjoni				✓		✓			✓												✓												
Valutazzjoni tal-evidenza						✓																											
Drittijiet fundamentali u protezzjoni internazzjonali fl-UE				✓		✓																											
Ġeneru, identità tal-ġeneru u orjentazzjoni sesswali				✓		✓			✓													✓										✓	
Identifikazzjoni ta' każijiet potenzjali ta' Dublin				✓		✓							✓									✓											
Identifikazzjoni ta' każijiet potenzjali ta' esklużjoni				✓		✓																											
Inklużjoni	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	
Inklużjoni – avvanzata				✓		✓																											
Interpretazzjoni fil-kuntest tal-ażil				✓		✓				✓		✓	✓																				
Intervistar tat-tfal				✓		✓																											

	bg	cs	da	de	el	en	es	et	fi	fr	ga	hr	hu	it	lt	lv	mt	nl	pl	pt	ro	sk	sl	sv	ar	ka	mk	no	ru	sq	tr			
Intervistar tal-persuni vulnerabbli				✓	✓	✓														✓							✓						✓	
Tekniki tal-intervistar	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	
Introduzzjoni għad-didattika						✓																												
Introduzzjoni għall-protezzjoni internazzjonali				✓		✓																												
Ġestjoni fil-kuntest tal-ażil						✓																												
Ġestjoni fil-kuntest tal-akkoljenza						✓																												
Informazzjoni medika dwar il-pajjiż ta' oriġini						✓																												
Akkoljenza				✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓
Akkoljenza ta' persuni vulnerabbli: identifikazzjoni tal-vulnerabbiltà u l-għoti ta' appoġġ inizjali (blokk A)		✓		✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓
Akkoljenza ta' persuni vulnerabbli: valutazzjoni tal-ħtiġijiet u tfassil tal-interventi (blokk B)		✓		✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓
Reġistrazzjoni ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali				✓		✓								✓																				
Risistemazzjoni				✓		✓																												
Traffikar ta' bnedmin				✓		✓								✓																				

NB: bg, Bulgarju; cs, Ċek; da, Daniż; de, Ġermaniż; el, Grieg; en, Inġliż; es, Spanjoli; et, Estonjan; fi, Finlandiż; fr, Franċiż; ga, Irlandiż; hr, Kroat; hu, Ungeriż; it, Taljan; lt, Litwan; lv, Latvjan; mt, Malti; nl, Olandiż; pl, Pollakk; pt, Portugiż; ro, Rumen; sk, Slovakk; sl, Sloven; sv, Żvediż; ar, Għarbi; ka, Georgian; mk, Maċedonjan; le, Norveġiż; ru, Russu; sq, Albaniż; tr, Turk.

Anness II – Verżjonijiet lingwistiċi tal-manwali tal-ħarrieġa tal-EASO għat-twassil virtwali

	bg	cs	da	de	el	en	es	et	fi	fr	ga	hr	hu	it	lt	lv	mt	nl	pl	pt	ro	sk	sl	sv	ar	ka	mk	no	ru	sq	tr
Applikazzjoni ta' Klawżoli ta' esklużjoni għal persuni li ma ħaqqhomx il-protezzjoni internazzjonali				✓		✓																	✓								
Direttiva dwar il-proċeduri tal-ażil						✓																									
Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil						✓																									
Għoti ta' informazzjoni lill-applikanti għall-ażil u l-komunikazzjoni magħhom						✓							✓																		
Informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini				✓		✓																									
Regolament ta' Dublin III		✓		✓		✓																									
Tmim tal-protezzjoni				✓		✓																									
Valutazzjoni tal-evidenza				✓		✓																									
Drittijiet fundamentali u protezzjoni internazzjonali fl-UE				✓		✓																									
Ġeneru, identità tal-ġeneru u orjentazzjoni sesswali				✓		✓																									
Identifikazzjoni ta' każijiet potenzjali ta' Dublin				✓		✓								✓																	
Identifikazzjoni ta' każijiet potenzjali ta' esklużjoni				✓		✓								✓																	
Inklużjoni	✓	✓	✓	✓	✓	✓																									✓
Inklużjoni – avanzata				✓		✓																									
Interpretazzjoni fil-kuntest tal-ażil																															
Intervistar ta' tfal				✓		✓																									

Ma hemm l-ebda manwal tal-ħarrieġa għat-twassil virtwali għal dan il-modulu.

	bg	cs	da	de	el	en	es	et	fi	fr	ga	hr	hu	it	lt	lv	mt	nl	pl	pt	ro	sk	sl	sv	ar	ka	mk	no	ru	sq	tr		
Intervistar ta' persuni vulnerabbli				✓		✓																										✓	
Tekniki ta' intervistar	✓	✓	✓	✓	✓	✓																										✓	
Introduzzjoni għad-didattika						✓								✓																		✓	
Introduzzjoni għall-protezzjoni internazzjonali				✓		✓																											
Ġestjoni fil-kuntest tal-ażil						✓																											
Ġestjoni fil-kuntest tal-akkoljenza						✓																											
Informazzjoni medika dwar il-pajjiż ta' oriġini						✓																											
Akkoljenza				✓		✓																											
Akkoljenza ta' persuni vulnerabbli: identifikazzjoni tal-vulnerabbli u l-għoti ta' appoġġ inizjali (blokk A)		✓		✓	✓	✓																											
Akkoljenza ta' persuni vulnerabbli: valutazzjoni tal-htgijiet u tfaċilitazzjoni tal-interventi (blokk B)																																	
Reġistrazzjoni ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali				✓		✓			✓					✓																			
Risistemazzjoni				✓		✓																											
Traffikar ta' bnedmin				✓		✓																											✓

Ma hemm l-ebda manwal tal-ħarrieġa għat-twassil virtwali għal dan il-modulu.

NB: bg, Bulgarju; cs, Ċek; da, Daniż; de, Ġermaniż; el, Grieg; en, Inġliż; es, Spanjoli; et, Estonjan; fi, Finlandiż; fr, Franċiż; ga, Irlandiż; hr, Kroat; hu, Ungeriż; it, Taljan; lt, Litwan; lv, Latvjian; mt, Malti; nl, Olandiż; pl, Pollakk; pt, Portugiż; ro, Rumen; sk, Slovakk; sl, Sloven; sv, Żvediż; ar, Għarbi; ka, Georgian; mk, Maċedonjan; le, Norveġiż; ru, Russu; sq, Albaniż; tr, Turk.



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea